**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju 2019**

**Rikors Numru : 553/2018 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**AC u b'digriet tal-4 ta' Frar 2019, kunjom l-attrici ghandu jaqra B.**

**Vs**

**CC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AB, datat 12 ta' Dicembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk :

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tmintax (18) ta' Dicembru 2004 (vide certifikat anness u mmarkat 'Dok A') u illi qabel iz-zwieg taghhom, il-partijiet kellhom tifel, J, mwieled X ;*

*Illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' att pubbliku datat 26 ta' Novembru 2014, ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri (vide kuntratt anness u mmarkat 'Dok B') ;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi issa ilhom diversi snin jghixu hajja independentement minn xulxin ;*

*Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfront ta' xulxin (vide klawsola 5 tal-kuntratt) ;*

*Illi l-intimat jivversa somma ta' €200 fix-xahar ghall-manteniment tal-minuri, liema manteniment jizdied skont l-indici tal-gholi tal-hajja (vide klawsola 23 tal-kuntratt) ;*

*Illi l-partijiet ghandhom kura u kustodja kongunta, u minkejja li l-minuri jirrisjedi mar-rikorrenti, l-intimat ghandu dritt ta' access liberu ghall-minuri ;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*Ghaldaqstant, fid-dawl tal-fatti hawn esposti, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha :*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Frar 2019, fejn il-kunjom tal-attrici ghandu jaqra B (vide fol 12);

Rat illi deher l-intimat mhux assisit u gie spjegat lilu d-drittijiet legali tieghu izda rrisponda li ma ghandux bzonn assistenza legali u li mhux qed jopponi ghad-divorzju. (Vide fol 22);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**AB** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Dicembru 2004 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-26 ta' Novembru 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi mir-relazzjoni taghhom il-partijiet kellhom tifel wiehed li ghadu minuri. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**CC** xehed *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Dicembru 2004 (Vide Dok. A a fol 3) u li kellhom wild wiehed;

Gie stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta kuntratt redatt min-Nutar Dottor Liza Schembri, datat 26 ta' Novembru 2014 (Vide Dok.B a fol 4 et seqq.) debitament awtorizzat mill-Qorti;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**